**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 11 T' APRIL, 2002

**Numru: 29**

**Avviz Nru: 650/01 JB**

**Christopher Farrugia**

**vs**

**Keith Farrugia**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm115.57c (mija u hmistax il-lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu) danni kagunati f'kollizzjoni li grat fis-26 ta' Mejju 2001 bejn vettura numru JAT 996 minnu misjuqa u BBH 515 misjuqa mill-konvenut.

Ra r-risposta fejn il-konvenut ecepixxa, li ma kkagunax hsara fil-vettura tal-attur.

Sema x-xhieda u ra d-dokumenti esibiti.

Ikkonsidra

Illi jirrizulta mix-xhieda li mhux kontestat mill-konvenut li saret habta. Li qed jigi kontestat huwa l-entita tal-habta. Irrizulta mill-skrizz/rapport tal-pulizija li kien hemm 'dent' fuq rear right mudguard u bumper. Dawna rahom b'ghajnejh PS 1377. Gie kontestat ukoll il-presenza ta' kuluri differenti ahmar-ahdar pero' fuq dan ma setax jillumina lit-Tribunal.

Illi l-hsara lamentata mill-attur hija riflessa f'ritratti esibiti JB u JB1 fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2002 – ossia l-isfel mit-tank tal-petrol fuq ix-xewka u qasma fil-bumper. Dwar il-presenza ta' kulur ahdar, ammetta li bil-habta precedenti dakinhar stess. Il-kulur tal-vettura tal-konvenut kien ahmar. Veru li l-vettura tieghu kellha s-sadid u aktar minn daqqa wahda fuq il-bumper.

Da parti tieghi l-konvenut stqarr li kull m'ghamillu kienet daqqa fuq it-tyre. Din giet konfermata anke minn missieru – t-tnejn xehdu fis-seduta tal-24 ta' Jannar, 2002. Anthony Savona – rappresentant tas-socjeta' assigurativa tal-attur - ikkonferma li kellem lil missier il-konvenut dana offrilu Lm10 biex jillikwidaw il-pendenza.

Ikkonsidra

Illi l-konvenut ex admissis jammetti li habat mal-attur, pero' ghamillu hsara minima. Dan gie konfermat anke mill-pulizija. L-entita tal-hsara fuq il-vettura tal-attur li kull ma tiswa kien Lm100 biex tissewa.

Il-konvenut ma jridx ihallas dan l-ammont kollu peress li l-istat tal-vettura tal-attur ma tirrikjedhiex u kellu daqqiet u hsara ohra fuqha. Ma jistax ikun pero' li ma seta kkaguna hsara u hsara giet kagunata kieku missier l-attur ma kienx joffri Lm10 biex jillikwidaw.

Illi f'kazijiet simili, t-Tribunal ikollu ta' bilfors ikollu jirrikorri ghal principji ta' likwidazzjoni 'arbituio boni viri'. D-daqqa tal-konvenut sempliciment aggravat l-istat tal-vettura tal-attur – mhux kaz ta' restititio in integrum, imma ghandu jkun hemm kontribuzzjoni ghal li kien hemm. Somma ta' Lm45 hija wahda ragionevoli tenut kaz tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jiddikjara lil konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fis-26 ta' Mejju, 2001, tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm45 u jikkundanna lil konvenut ihallas l-istess ammont bl-interessi mil-lum.

In vista tal-istess cirkostanzi specjali tal-kaz l-ispejjez tal-kawza jibqa bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**